MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 712/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**JOSEF AZZOPARDI bin Salvu u Bernarda nee' Camilleri, imwieled fit-tmintax ta' Settembru 1978 u residenti Narcis, Rabat Road, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 23378G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEF AZZOPARDI** bin Salvu u Bernarda nee' Camilleri, imwieled fit-tmintax ta' Settembru 1978 u residenti Narcis, Rabat Road, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 23378G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tmienja [28] ta' Awissu 2006 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija, fi Triq il-Knisja,

Nadur, Ghawdex, ghamel gesti ta’ theddid fil-konfront ta’ Alfred Cini minn Nadur, Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom r-riferta posittiva tal-kwerelant Alfred Cini.

Rat li l-kwerelant Alfred Cini naqas li jidher biex jikkonferma l-kwerela tieghu ghalkemm debitament notifikat ghas-seduta ta’ llum.

**Il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEF AZZOPARDI hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------